# Il-Ħuttafa

Il-Magażin ta' Klabb Ħuttaf

Novembru Diċembru 1997
Numru 23

BirdLife MALTA

Stampat fuq karta riċiklata



**"135 litru ilma... f'nifs wieħed!"**

**"26,000 kilometru... f'sitt xhur!"**





**"Ikel, xorb, logħob, daqq, rebħ, briju, pjaċir, rigali... f'sagħtejn!"**



Victor Falzon

*Margerita Salvaġġa*

## X'għandna mid-Dinja!



World Birdwatch 6/97

# L-eremita reġa' nstab!




Xi sena ilu (ara Il-Ħuttafa 16) semmejna l-**Velleran tal-Marokk** (*Geronticus eremita* - bald ibis), u konna għedna li dan l-għasfur għadu jeżisti biss fil-Marokk. Imma ftit taż-żmien ilu ntlemħu ħames għasafar f'Massawa, fix-xatt ta' l-Etjopja, pajjiż in-naħa l-oħra ta' l-Afrika. Tgħid hemm xi kolonja żgħira hemmhekk ukoll? Sa għaxar snin ilu kien jeżisti grupp zgħir ta' Vellerani tal-Marokk f'Birecik fit-Turkija, imma dawn kienu spiċċaw.

## Around the world

F'Jannar ta' dis-sena nqabdet **Ċirlewwa Komuni** (*Sterna hirundo* - common tern) żagħżugħa ġewwa Victoria fl-Awstralja. Ma kellha xejn stramb, ħlief ċurkett fuq sieqha li kien twaħħlilha sitt xhur qabel meta kienet għadha fellus fil-bejta... fi Suomi Finland! Mhux bogħod - 26,000km biss!!!

World Birdwatch 6/97






## Kompetizzjoni 23

Norman Chetcuti (Mr Howzit)

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| U | G | A | T | T | A | R | E | L | L | Q | U |
| D | R | N | L | B | U | R | Q | A | X | Z | P |
| N | I | R | S | L | W | Y | R | M | X | M | V |
| O | N | E | R | T | E | U | D | P | R | R | B |
| T | G | Ċ | C | N | L | R | T | U | K | U | T |
| I | U | S | G | L | G | U | W | K | Ż | X | F |
| X | M | M | A | Z | Z | O | L | A | Ċ | Ċ | I |
| X | Y | S | A | R | G | U | Q | R | S | X | J |
| I | Ċ | N | E | D | D | Q | S | K | A | L | M |
| P | P | N | Ħ | A | M | I | E | M | A | P | Y |
| V | O | P | A | T | T | O | N | P | S | N | S |
| T | M | Y | M | O | R | I | N | A | J | D | P |

**Sibu 20 ħuta moħbija**. Jistgħu jkunu mimdudin, weqfin jew imxattrin, bil-quddiem jew b'lura. Immarkawhom, ħudu fotokopja tat-taħbila u ibagħtuha, flimkien ma' isimkom u l-indirizz, lil

**Klabb Ħuttaf - BirdLife Malta**
**(Kompetizzjoni 23)**
**POBox498**
**Valletta CMR 01**



Ir-rebbieħ jittella' bil-polza fost it-tajbin. **Ir-rebbieħ jingħata CD ġentilment mogħti minn The Scorpion.** Tinsewx: TQASQSUX Il-Ħuttafa!

**Żmien għandkom sal-31 Diċembru 1997**

BURQAX
BUŻAQQ
DENĊI
GATTARELL
GRINGU
LAMPUKA
LAĊĊI
MAZZOLA
MORINA
PIXXITONDU
SALLURA
SARDINA
SARGU
SAWRELLA
SKALM
SPARLU
SPNOTTA
VOPA
ĦAMIEMA
ĊERNA

Ir-rebbieħ ta' **Kompetizzjoni 22** huwa **Stephen Borg** mis-Siġġiewi. Stephen jista' jmur jiġbor is-**CD li rebaħ** mill-ħanut **The Scorpion** (ara isfel). Importanti li jieħu miegħu l-membership card.

THE SCORPION

*Martial Arts, Keep-fit Sports and Music*

The Scorpion, Sir Paul Boffa Ave.,Paola PLA 19
Tel 691957 • Fax 686943 • Mobile 0972284



# il-Blonġos



**Fix-xitwa ħafna għadajjar u xmajjar fl-Ewropa jiffriżaw. B'hekk l-għasafar li s-soltu jsibu kenn u x'jieklu fl-ilma jsibu ruħhom bla dar. Ikollhom ipassu lejn postijiet fejn il-klima hija inqas kiefra. Fost dawn l-għasafar ta' l-ilma li jpassu, insibu l-Blonġos.**

F'Malta naraw tliet speċi ta' Blonġos. Il-**Blonġun Prim** u l-**Blonġun Żgħir** huma kemmxejn skarsi filwaqt li l-**Blonġun Sekond** jidher aktar spiss. L-ispeċi kollha huma adattati għall-ħajja fuq l-ilma. Ir-rix ikun miksi b'żejt speċjali biex ma jixxarrabx, saqajhom magħmulin apposta biex jgħumu, u għonqhom twil u munqar mislut biex jaqbdu l-ħut u annimali oħra fl-ilma.

Malti: **Blonġun Sekond**
Ingliż: **Black-necked grebe**
Xjentifiku: ***Podiceps nigricollis***

## L-oħrajn...

Minbarra l-Blonġun Sekond, jidhru wkoll...



**il-Blonġun Żgħir**



**il-Blonġun Prim**

Il-Blonġos jidher ta' spiss fil-portijiet, bajjiet u xi wied fejn jinġabar l-ilma tax-xita. L-aħjar post biex narawh huwa r-riserva naturali ta' l-Għadira fejn ġieli jkun hemm għoxrin Blonġos jew anke iżjed. Dawn jaslu għall-aħħar ta' Settembru u jibqgħu magħna sa Marzu biex imbagħad jerġgħu jpassu lura lejn l-Ewropa biex ibejtu. Fix-xitwa fl-Għadira dejjem ikun hemm x'tara peress li l-Blonġos huwa għasfur fidil li ma jiddejjaqx jersaq lejn xi ħajd ippakkjata bil-berdwoċers! U f'Marzu, meta 'jbiddel' ir-rix u jilbes il-kuluri tas-sajf (iswed, aħmar u deheb) ikun verament fih x'tara.

Il-Blonġos huwa famuż għall-mod kif jogħdos biex jaqbad il-ħut. Meta jkun taħt l-ilma kapaċi jgħum b'ħeffa kbira kif ukoll jiftaħ għajnejn biex jara l-priża. Għajnejh fil-fatt għandhom bħal ġilda rqiqa trasparenti li sservi ta' protezzjoni.

Tridu tkunu tafu kemm idum taħt l-ilma Blonġos, jew kemm jirnexxielu jaqbad ħut? Faċli: Agħmlu esperiment. Morru sar-riserva ta' l-Għadira, li tkun miftuħa s-Sibtijiet u l-Ħdud, u ħudu magħkom lapes, karta u arloġġ (jekk għandkom stopwoċ aħjar). Għoddu (a) kemm-il darba jogħdos Blonġos u (b) żommu l-ħin kemm idum b'kollox taħt l-ilma. Meta tixbgħu, agħmlu **b divixin by a**, u r-riżultat ikun kemm bejn wieħed u ieħor idum taħt l-ilma Blonġos. Tistgħu wkoll tgħoddu kemm-il darba jirnexxilu jaqbad ħuta, u kemm-il darba ma jirnexxilux! Ċert li l-Editur tal-Ħuttafa jieħu gost jekk tibagħtulu r-riżultati.

U lill-Blonġos ma ddejjquhomx żgur.

**Mark Falzon**

# ittri




**Sur Editur,
Jisimni James u għandi 5 snin. Ma nafx tistax tgħini. Nixtieq naf jekk f'Malta qatt kienx hawn ajkli. Grazzi.
James Camilleri
Mosta**

Għażiż James,
Iva, f'Malta kull sena jkollna l-ajkli, imma xejn taħseb li dawn huma komuni. F'Malta tidher l-**Ajkla Bajda** (*short-toed eagle*) u din tiġi fil-ħarifa waqt li tkun qed tpassi mill-Ewropa għall-Afrika. L-ajkli ma jbejtux f'Malta: dan għaliex l-ajkli jridu wesgħa kbira ta' art fejn jikkaċċjaw bla ma jtellifhom ħadd. U Malta żgħira wisq biex ikollha postijiet hekk.
U barra minn hekk, f'Malta għandna ħafna kawbojs (kaċċaturi) li kull għasfur li jaraw jisparawlu!
L-Editur

Ibagħtu l-ittri tagħkom f'dan l-indirizz

**Editur Il-Ħuttafa
Birdlife Malta - Klabb Ħuttaf
POBox 498
Valletta CMR 01**

# party time






**Hawn hi!** L-attività li **kull membru** fi **Klabb Ħuttaf** jistenna **bil-ħerqa**, u **bil-ġuħ**! Fi kliem ieħor, il-**party tal-Milied!** Ejjew **ħudu pjaċir** magħna, **ilagħbu** magħna, **kulu** u **ixorbu** magħna, **tbellhu** magħna, **irbħu** magħna. Imsomma, **ejjew gawdu** serata magħna biex **tiċċelebraw** il-bidu tal-vaganzi tal-**Milied!**



- Data: **It-Tnejn, 22 Diċembru 1997**
- Ħin: **6.30pm - 8.30pm**
- Post: **Skola Primarja tal-Furjana**
- Prezz: **Lm1.50** (fil-bieb)

*Niffrankaw ħafna ħin jekk iġġibu flus bl-eżatt. Grazzi.*

**IMPORTANTI**

- Min ġej iċempel fuq 230684/250229 (filgħodu) *mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru 1997*



# Gallerija

Matthew Borg (11)



Bies

Patrick Tabone (10)



Merill

Matthew Grech (12)



Barbaġann

***Għeżież Artisti Tagħna!***

Tpinġux ikbar minn 10x10ċm, użaw karta (mhux kartonċin) bajda u tpinġux bil-kulur. Iktbu isem l-annimal jew pjanta u isimkom u l-età. Ftit ftit it-tpinġijiet tagħkom kollha nġibuhomlkom (jekk timxu mar-regoli). Imma ftakru li hemm kju qabilkom!

**ĦAJK • ĦAJK • ĦAJK • ĦAJK • ĦAJK • ĦAJK • ĦAJK • ĦAJK • ĦAJK • ĦAJK • ĦAJK • ĦAJK**

# Ħajk



Victor Falzon

**Il-Qammieħ**



**Se** nagħmlu ħajk • **Se** nimxu max-xatt salvaġġ tal-majjistral ta' Malta • **Se** nagħmlu *seawatching* aħna u mixjin • **Se** niltaqgħu nhar il-Ħadd 14 ta' Diċembru • **Se** niltaqgħu fis-7am Putirjal, jew fit-8.15am iċ-Ċirkewwa (taħt l-arloġġ) • **Se** nimxu miċ-Ċirkewwa sal-Qammieħ, u minn hemm naqsmu għall-Għadira • **Se nieħdu pjaċir!**

**Dil-mixja hija għall-Ħuttaf li għalqu 14-il sena**



Il-flokkijiet ħerġin qishom pastizzi! Lil kulħadd għoġob. S'issa ħadu sehem xi mitt membru, u ħafna marru jiġbru l-flokk li ħadmu għalih! Grazzi ħafna, ħbieb. Għad hemm xi flokkijiet li għadhom ma nġabrux, u hemm oħrajn għal min għadu jixtieq jieħu sehem. Min irid karta biex jiġbor, kemm iċempel 230684 jew 250229. **Ftakru li dawn il-flokkijiet saru APPOSTA għal din il-kampanja**. Għalhekk huma speċjali.

ALIVE





# Oħloq annimal







Min jaf kemm-il darba smajt u qrajt kif l-annimali huma adattati eżatt għall-ambjent li jgħixu fih. Issa għall-ewwel darba f'ħajtek se jkollok iċ-ċans tikkreja annimal! Kif? Ara x'tagħmel...

- **Agħżel wieħed mill-ħabitati strambi li ħsibna fihom**
- **Ixgħel il-magna ta' l-immaġinazzjoni!**
- **Ivvinta annimal biex jgħix f'dan il-ħabitat!**
- **Pinġih u ibgħatulna**



Importanti li dan l-annimal ikun frott sħiħ ta' l-immaġinazzjoni tiegħek, jiġifieri ma tistax tpinġi annimali li diġà jeżistu (dawk ħallihom għall-Gallerija!). Għalhekk aktar ma jkun stramb, oriġinali u ta' barra minn hawn, tant aħjar! Ftakar ukoll li trid tgħidilna x'jiekol u kif jiekol l-annimal tiegħek, jużax kamuflax (kulur jew forma li jaqblu ma' l-ambjent) biex jinħeba, kif jimxi jew jiċċaqlaq (jekk jiċċaqlaq!) eċċ. Imsomma spjegalna kollox! L-aħjar annimali nġibuhom fil-Ħuttafa.

## Ħabitati

- **Magna ta' karozza**
- **Friġġ**
- **Forn**
- **But ta' ġakketta**
- **Barmil taż-żibel**
- **Kitarra**

Fantasy WORLD

73 St.Rita Street, Rabat MALTA
Tel 450610

**The PLACE for**
**• toys • games • hobbies •**
**• crafts • stationery •**
**• souvenirs • gifts • sports •**
**• camping/beach •**
**etc.**



***Attention all birdwatchers: Binoculars in stock!***

## Nowtbuk tan-Natura

Desirée Falzon

# Mini u Kanali!

Qatt kontu qed tqallbu l-ħamrija waqt xi daqsxejn gardening, u rajtu dudu twil, kannella ċar u b'ġismu mfellel kollu ċrieki żgħar? Jekk iva, dak kien il-**Ħanex tal-Ħamrija**, li bl-Ingliż jgħidulu *earthworm*.

Allura, x'ikun qed jagħmel fil-ħamrija dan l-annimal. Mela, l-ewwelnett dal-ħanex ma jħobbx jersaq lejn il-wiċċ, ħlief bil-lejl, jew wara ħalba xita, għax jibża' li bis-sħana tax-xemx jew bir-riħ jinxef. U jekk jinxef, imut, għax jifga. Barra minn hekk ma jaqbillux joħroġ bi nhar, għax malajr jarah xi pitirross jew malvizz, u żonk! isir breakfast! Iktar jaqbillu jgħaddi ħajtu fejn ma jarawhx predaturi!



Waqt li jkun fil-ħamrija, jitkagħweġ 'l hawn u 'l hemm, il-ħanex iħaffer mina dejqa billi jiekol il-ħamrija ta' quddiemu! Dil-ħamrija tgħaddi minn ġisem il-ħanex, li minnha jieħu xi sustanzi, u l-bqija, emm... joħroġ ipproċessat min-naħa ta' wara! Il-ħanex m'għandux għajnejn, imma xorta kapaċi jagħraf id-dawl mid-dlam, u fil-fatt jimmira dejjem għad-dlam u l-kenn!

Minħabba l-mod kif jgħix, il-ħanex huwa importanti mmens għas-saħħa tal-ħamrija. Bit-toqob li jħaffer, joħloq kanali minn fejn tidħol u tinxtered l-arja fil-ħamrija, u l-ilma jgħaddi aħjar ukoll. Barra minn hekk, bit-tħaffir li jħaffer fil-ħamrija, il-ħanex ikun qed iqallibha, ħaġa li għaliha l-bdiewa u l-ġardinara jbierku lil dan l-annimal żgħir u umli u jagħtuh it-titlu: Ħabib il-Bdiewa. Fil-fatt, f'pajjiżi jew inħawi fejn il-ħamrija hija nieqsa mill-ħniex, xi bdiewa jimpurtaw il-ħniex biex proprju jferrxuhom fil-ħamrija!

Mela meta taraw ħanex tal-ħamrija, jitkagħweġ u jleqq, tgħidux Jaqq! bħalma jgħidu l-injoranti. Għax issa tafu kemm jagħmel ġid!

## Kont taf?

Audrey Chetcuti

### Dawra mad-Dromedarju



Il-ġemel b'ħotba waħda jissejjaħ **Dromedarju**. Il-ħotba hija riserva għax-xaħam u mhux għall-ilma, kif jaħsbu ħafna. Id-Dromedarju ilu jgħix eluf tas-snin fid-deżert ta' l-Arabja, u adatta tajjeb ħafna għal dan l-ambjent diffiċli. Widnejh u ħuġbejh huma sufin ħafna, u x-xagħar t'għajnejh huwa twil biex jipproteġih mix-xemx u mir-riħ tar-ramel. Dan l-annimal ta' l-għaġeb jista' joqgħod xitwa sħiħa bla ma jixrob; iżda mbagħad kapaċi jtella' 135 litru ilma f'salt!

Id-Dromedarju normalment huwa veġetarjan, u jrid ikun vera mejjet bil-ġuħ biex jiekol ikel bħal ġlud eċċ. Għandu wkoll drawwa edukata ħafna li jekk xi ħadd idejqu, jaf jaqla' kull ma għandu fl-istonku u jobżqu fuq min ikun! U s'intendi din il-'minestra' ma tkunx eżattament tfuħ!

Id-Dromedarju huwa magħruf bħala l-"vapur tad-deżert". Mhux biss għax jitbandal biex jimxi, imma anke għax huwa l-aktar mezz ta' trasport użat fl-ambjent tant kiefer tad-deżert.

## Għali Ambjentali

**Problemi li qed jagħmlu ħsara lill-ambjent naturali.**




# FORESTI *jinqatlu!*

**Il-foresti tropikali qed jinqerdu! U b'rata mgħaġġla ħafna. Qed jinqerdu biex tinkixef art għall-agrikoltura, bini ta' toroq eċċ. U l-injam qed jispiċċa ċipbord jew għamara lussuża! Tistaqsu: Dan kif jista' jaffettwani? X'differenza jagħmlu l-foresti?**




L-ewwelnett fil-foresti jgħixu eluf ta' speċi ta' pjanti u annimali. F'biċċa art żgħira studjużi għaddew ma' l-2250 speċi ta' pjanti, u xi 710 speċi ta' annimali! Ħafna minn dawn l-ispeċi għad iridu jiġu studjati, u x'uħud minnhom għad forsi jgħinuna niżviluppaw mediċini ġodda. Wara kollox, il-foresti diġà pprovdewna b'iktar minn nofs il-mediċini li nużaw illum. Però t-traġedja hi li kull siegħa tnejn minn dawn l-ispeċi jinqerdu għal kollox.

Is-siġar jipprovdu wkoll l-ossiġnu li lkoll neħtieġu biex ngħixu, filwaqt li jassorbu s-$CO_2$ (*carbon dioxide*) li għalina huwa velenuż. Iktar ma jonqsu s-siġar, iktar jiżdied l-ammont ta' $CO_2$ fl-atmosfera. Dan iwassal biex togħla t-temperatura ta' l-atmosfera, minħabba li s-$C0_2$ ikabbar l-effett serra. Ir-rata ta' *global warming* bħalissa hija ta' madwar 1°C fis-sena, imma x-xjenzati jgħidu li jekk il-foresti jkomplu jinqerdu bl-istess rata, it-temperatura se togħla 2-6°C fis-sena!

F'xi nħawi tad-dinja, il-foresti kienu jipproteġu l-bliet mill-għarar billi kienu jassorbu ħafna mix-xita. Issa li nqatgħulhom il-foresti, pajjiżi bħal Panama u Bangladesh qed iħabbtu wiċċhom kull sena ma' għarar li qed jiswihom eluf ta' vittmi u miljuni ta' liri fi ħsarat, biex ma nsemmux mard, faqar u miżerja. F'postijiet oħrajn, it-tneħħija tal-foresti tant naqqset l-umdità illi fejn qabel kienet tagħmel ix-xita, issa sar deżert. Ix-xtut tat-Tuneżija u tal-Libja darba kienu jħaddru. Mur illum ara x'hemm!

Veru li l-foresti tropikali jinsabu f'periklu kbir. Imma kif qal wieħed xjenzat, Norman Myers, aħna għandna nħossuna fortunati li għandna l-opportunità li ngħinu biex nippreservaw dawn il-mirakli tan-natura.

**Elizabeth Conrad**

Dawn id-ditti jagħmlu kartolini minn foresti sostnuti. Ixtru minn għandhom dal-Milied!

**Carte Blanche Greetings Ltd**
**Hambledon Studios**
**Andrew Bransword**
**Simon Elvin**
**Riverside Cards**
**Athena**
**Sharpe's Classic**
**Arnold Barton**
**Gordon Fraser**
**Donny Mac**
**Pineapple Park**
**Kuddles**
**Middlewhere**



U fil-ftit minuti li domtu taqraw dan l-artiklu, mid-dinja nqerdu 120 ettaru ta' ġungla (daqs **45** grawnd tal-futbol)



## Imma jien x'nista' nagħmel?

- Nirriċiklaw il-karti, u li nużaw karta riċiklata. Veru li l-karta ma tiġix minn foresti tropikali, imma xorta waħda tiġi minn foresti li qed jinqerdu.
- Nixtru kartolini minn ditti li jużaw karta li tiġi minn foresti fejn jinżergħu siġar daqs kemm jinqatgħu (ara kaxxa).
- Jekk il-ġenituri se jixtru xi biċċa għamara, ngħidulhom ma jagħżlux kewba, *teak* jew eroko, imma jixtru *red deal* ("ta' l-aħmar") jew *oak*.
- Niżirgħu s-siġar! Kull ma rridu żerriegħa, ftit ħamrija u l-isbaħ xewqat għan-natura!



# GRUPPI LOKALI

**Ħamrun/Marsa**
Leaders: Caldon Mercieca (K), Marija Calleja
**Ħ'Attard**
Leaders: Grace Camilleri, Etienne Grech, Thelma Saliba, Agnes Scicluna (K), Silvio Scicluna (K).
**Naxxar/Għargħur**
Leaders: Anita Aloisio, Jason Aloisio (K), Fleur Casha, Valerie Gauci, Justin Vassallo.
**Rabat/Ħad-Dingli**
Leaders: Audrey Chetcuti (K), Norman Chetcuti (K), Alice Micallef, Angèle Pulis, Chris Pulis, Mark Sultana, Sharon Sultana, Ingrid Vassallo.
**Ħaż-Żebbuġ/Siġġiewi**
Leaders: Marthese Attard (K), Ian Balzan, Charles Coleiro, Doreen Coleiro.

(K=Ko-ordinatur)

# BOLLI GĦALL-BALLUT

*Dawn huma l-membri li bagħtulna bolli f'dawn l-aħħar xhur.*

Svetlana Deguara • Danielle Nadine Wigg • Andrew Gauci Attard • Clint La Rosa • Claire Ellul • Petra Attard • Marvin Mifsud • Daniela Falzon • Sean Webster • Tanya Portelli • Brandon Galea • David Camilleri • Marika Grech • Stephen Magro • Arthur Briffa • Sara Jane Cauchi • Kenneth Cauchi • Elaine Farrugia • Kristina Marie Bartolo

*Grazzi kbira lil dawn il-membri u lill-ohrajn kollha li ħadu sehem s'issa!*

**S'issa ġbarna Lm35. Baqagħlna Lm15 biex ngħaqqdu l-Lm50.**

# Daħħal MEMBRU fi Klabb Ħuttaf



## u LILEK nibagħtulek...



- **3 PITAZZI ta' BirdLife Malta** u
- **STIKER** (bil-kulur) **ta' għasfur**

**Ħajjar** ħabib jew ħabiba jidħlu fi Klabb Ħuttaf, **tihom** jimlew kopja ta' dil-formola, **imla** isfel id-dettalji tiegħek stess, u **ibgħathomlna**, flimkien mal-Lm1.50ċ tal-membru l-ġdid. Il-pitazzi u l-istiker jaslulek bil-posta f'temp ta' ftit ġranet. **Garanzija!**

**DETTALJI tal-MEMBRU ĠDID**

Isem u Kunjom ______________________

Indirizz ______________________

______________________

Postcode ______________________

Data tat-Twelid ______________________

Telefon ______________________





**DETTALJI TIEGĦEK STESS**

Isem u Kunjom ______________________

Indirizz ______________________

______________________

Postcode ______________________

Telefon ______________________

**TQATTAX IL-MAGAŻIN - ĦU FOTOKOPJA**

Ibgħat kollox lil **Klabb Ħuttaf BirdLife Malta POBox498 Valletta CMR 01.**
Tibgħatx flus bil-posta - l-aħjar ċekk (pagabbli BirdLife Malta), Postal Order jew 25 bolla tas-6ċ

# Dix-xitwa, ibnilhom...
# BIRD TABLE




## Jinżlulek żgur...

- Għammiel tal-Bejt
- Bufula Sewda
- Pitirross
- Kudirross Iswed

## Jekk tkun xortik verà tajba...

- Sturnell
- Sponsun

## u għall-frak li jaqa' mill-bird table...

- Vjolin tax-Xitwa
- Zakak Abjad

## X'titmagħhom?

**Żrieragħ (skalora, ġirasol, frak tal-lewż u tal-ġewż) • karawett (mhux bil-melħ) • qxur tal-ġobon • biċċiet tal-perżut • corned beef • frott misjur (tuffieħ, ħawħ, bajtar tax-xewk, tin, tamal eċċ) • xi patata mgħollija u mitfuħa • ross fil-forn • frak tal-kejk • gallettini • pudina • żbib • biskuttelli • frak tal-ħobż • pastizzi.**


Victor Falzon

**Bufula Sewda titħanżer fil-frak tal-kejk! Ħasbet li ħadd ma kien qed jaraha! Imma l-kamera kienet hemm qed tistenna, moħbija wara t-tieqa tal-kċina! U Klikk!**

# Birdwatchers Club

Il-**Birdwatchers Club** twaqqaf is-sena l-oħra għal dawk il-membri ta' BirdLife u ta' Klabb Ħuttaf li jħobbu l-**berdwoċing**. Dawn joħorġu fil-kampanja armati bit-trombi, u jfittxu postijiet tajbin għall-għasafar. Il-klabb joħroġ magażin jismu ***Woodchat*** u jorganizza attivitajiet għall-membri. Sħubija fil-Birdwatchers Club hija **Lm1.50** fis-sena, u l-membri jridu jkunu għalqu l-10 snin. Min huwa interessat jikteb lil:

**BirdLife Malta • Birdwatchers Club • POBox498 • Valletta CMR01**



Sadattant jekk hemm xi membri Ħuttaf li jixtiequ jmorru berdwoċing fi grupp żgħir ma' berdwoċers ta' l-esperjenza, jistgħu jċemplu lil **Ian Balzan** (tel **225229**).